MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 699/2000/1

**Joseph u Henry aħwa Sultana**

***Versus***

**Anna Manfrè**

Din hija *actio de communi dividundo*.
Il-premessi u t-talbiet ta' l-atturi, kif ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, huma mfissra fis-sentenza li ngħatat dwar parti mill-meritu fl-10 t'April 2003[1].
F'dik is-sentenza l-qorti, wara li ċaħdet eċċezzjonijiet li jgħidu illi l-liġi ma tħallix illi ssir il-qasma mitluba mill-atturi, qalet illi fil-bini li l-atturi jridu li jinqasam hemm partijiet li ma humiex mibnija kif trid il-liġi, u għalhekk ir-rimedju li jridu l-atturi ma jistax jingħata sakemm jibqa' fis-seħħ stat ta' illegalità. Is-sentenza tkompli tgħid hekk:

[1] *Foll.* 98 *et seqq.*

Għal din ir-raġuni l-qorti f'dan l-istadju ma tistax tagħti r-rimedju tal-qasma li jridu l-atturi. Għalhekk qabel ma tagħti s-sentenza finali tagħti lill-partijiet żmien ta' xahar millum biex b'nota flimkien igħidu jridux illi jerġa' jinħatar perit tekniku biex iħejji pjanta ta' xogħlijiet li jneħħu l-irregolaritajiet, sabiex fuq din il-pjanta jinkiseb il-permess ta' l-awtorità kompetenti, jew iridux illi dik il-pjanta jħejjuha huma stess flimkien. Fin-nuqqas ta' ftehim il-qorti tgħaddi biex terġa' taħtar perit tekniku.[2]

Fit-30 ta' Mejju 2003 il-partijiet għarrfu lill-qorti li ma waslux biex iħejju pjanta flimkien, u għalhekk il-qorti b'dikriet mogħti dakinhar stess ħatret lill-A.I.Ċ. Frederick Doublet sabiex iħejji pjanta għall-qasma tal-proprjetà u li tkun turi wkoll ix-xogħlijiet meħtieġa biex jitneħħew l-irregolaritajiet fil-bini[3]. B'dikriet ieħor tal-21 ta' Novembru 2003 l-qorti, fuq talba tal-Perit Doublet stess, ħatret floku lill-A.I.Ċ. Mario Cassar[4].

Il-perit tekniku irrelata fis-17 ta' Ġunju 2004[5]: ippreżenta pjanti li fuqhom tista' ssir il-qasma skond l-ishma tal-partijiet[6], u kopja tal-permess maħruġ mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar[7].

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi: tordna illi l-korp ta' bini jismu *Sultana Flats* fi Triq il-Gżira, il-Gżira, jinqasam skond il-pjanti mħejjija mill-A.I.Ċ. Mario Cassar, mehmuża mar-relazzjoni tiegħu, wara li jsiru x-xogħlijiet u skond il-permess maħruġ fl-4 ta' Marzu 2004 mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; terġa' taħtar lill-A.I.Ċ. Mario Cassar sabiex jissorvelja x-xogħlijiet; u taħtar lin-Nutar Mario Louis Felice sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni fil-bini tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta fil-21 ta' Jannar 2005, fl-10.00 *a.m.*, u taħtar lill-Avukat Michael Spiteri bħala kuratur sabiex jidher fuq il-kuntratt f'isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni.

---

2 *Fol.* 103.

3 *Fol.* 104.

4 *Fol.* 109.

5 *Foll.* 119 *et seqq.*

6 *Foll.* 125$^{b}$ u 125$^{c}$.

7 *Fol.* 126.

L-ispejjeż u d-drittijiet kollha jinqasmu hekk: nofs (½) iħallsuhom l-atturi u nofs (½) tħallsu l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------